MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2007

Numru 621/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Carmel Callus**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmel Callus, bin Carmel u Annunziata nee' Grech, imwieled Pieta' fis-26/09/1970, li joqghod Nru 114, Triq il-Gandofla, Birzebbuga u detentur tal-karta ta' l-identita' nru. 488970M

gie akkuzat talli fil-15 t'April 2007 ghall-habta tal-05:20am fi Triq il-Bajja s-Sabiha, Birzebbuga:

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra WPC 263 G. Gambin, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data ghall-habta tal-05:30am fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbuga:

2. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 94 J. Farrugia u PC 1227 M. Pace, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;
3. ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq l-istess WPC 263, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;
4. dahal f'dar jew lok iehor jew recint bil-mezzi msemmijin fl-artikolu 264 tal-Kap 9, ghalkemm ma kien hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat iehor;
5. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-ghaxar Liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix il-hamsin Liri Maltin (Lm50), ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;
6. m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita' jew ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi;

7. bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta' l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' WPC 263 G. Gambin, PC 94 J. Farrugia u PC 1227 M. Pace.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JF3 u nnutat li l-imputat m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li l-imputat iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li qieghed jiskuza ruhu dwar l-akkadut.

Innutat ukoll li d-Difiza u l-Prosekuzzjoni iddikjaraw fil-Verbal tas-Seduta tallum li jaqblu li nkwantu ghall-akkuza numru 5, li tinkwadra ruhha fl-artikolu 325(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hsara kkagunata ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta tammonta ghal Lm10.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikajara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 96, 95, 330(b), 264, 325(c), 338(ee) u 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Carmel Callus, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt  li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera, li l-imputat ammetta l-akkuza fi stadju bikri tal-kawza u li l-imputat iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li qieghed jiskuza ruhu dwar l-akkadut u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Carmel Callus ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u mija u ghoxrin Liri Maltin (Lm120) multa liema multa tinkludi Lm10 multa ekwivalenti ghall-hsara li saret lill-proprjeta' pubblika u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Carmel Callus jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputat Carmel Callus b'obbligazzjoni personali ta' mitt Liri Maltin (Lm100) li jzomm il-kwiet ma' WPC 263 G. Gambin, PC 94 J. Farrugia u PC 1227 M. Pace u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Carmel Callus l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------